**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 54

Data tal-laqgħa: L-Erbgħa 17 ta' Mejju 2023

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-05.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Daniel Mallia – Viċi Sindku
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ħadd ma kien assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ħadd ma kien assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 54.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

54.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 54.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 53

54.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tat-tielet u ħamsin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

54.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Korrezjonijiet ma kienx hemm.

54.2.3 Fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini, li kien issekondat mill-Kunsillier Joseph Zahra, l-minuti tat-tielet u ħamsin laqgħa ġew approvati unanimament.

## 54.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

54.3.1.1 Is-Sur Dalli tkellem dwar ix-xogħlijiet tal-pavimentar li qed isiru fi Vjal it-Trasfigurazzjoni. Huwa qal li dawn ix-xogħlijiet mixjin kif proġettat. Huwa kompla billi nforma lil kunsilliera li fid-dawra ta' ħdejn it-Torri jridu jiżdiedu l-arbli dekorattivi tad-dawl. Jidher li hemm bżonn minn wieħed sa tnejn fuq kull naħa. Għalkemm it-Torri ma jridx jkollu ħafna dawl madwaru, biss hemm problema ta' dlam l-aktar fix-xitwa ħdejn l-istage, speċjalment għal min juża s-servizz tat-trasport pubbliku filgħodu kmieni qabel ma jiżbaħ. Ukoll is-Sur Dalli ġibed l-attenzjoni li t-Torri wara l-ħdax ta' bil-lejl jitbaxxilu d-dawl b'mod drastikament.

54.3.1.2 Is-Sindku qal li qed jinbidel ukoll l-wiring kollu tal-arbli dekorattivi tad-dawl, u qed isir culvert biex jaqsam Triq Giovanni Barbara ż-żewġ naħat. Ukoll fil-parti mit-Torri l-isfel ser isiru toqob ġodda għall-arbli tal-Festa fuq il-bankina biex ma jtellfux il-parkeġġ.

54.3.1.3 Is-Sur Dalli kompla jispjega kif hemm ukoll żewġ arbli tal-Enemalta li jridu jiġu shifted u li ser jitpoġġew f'postijiet ġodda. Wieħed ser jitpoġġa maċ-ċint tal-ġnien ħdejn iz-zebra crossing u l-ieħor li bħalissa qiegħed ġo konka tas-siġar, ser isir maċ-ċint quddiem il-parkeġġ, u dan wara konsultazzjoni mas-Segretarju ta' l-Għaqda ta' San Mikiel tan-nar ta' Ħal Lija.

54.3.1.4 Wara s-Sindku spjega kif id-dawl ta' ħdejn iz-zebra crossing ser jinbidel kollu. Peress li l-arblu tal-Enemalta se jitneħħa, kien hemm floodlight li jdawwal il-crossing li ma kienx konformi mar-regoli, għalhekk ser issir tip ta' belisia light bil-floodlights magħhom. Jekk ikun possibbli din ser ssir solar. L-Apparat tas-solar eżistenti irid jinbidel.

54.3.1.5 Is-Sur Dalli għarraf lil Kunsilliera kif fil-parti ta' isfel fil-wiegħsa ta' ħdejn it-Torri ser issir buildout fuq kull naħa bħala traffic calming kif awtorizzat minn Transport Malta. Din il-miżura kienet teżisti bi traffic markings u li ma kienetx qed tiġi osservata.

54.3.1.6 Għall-ispejjeż tal-fanali, l-kunsill ser japplika biex dawn l-ispejjeż jittieħdu mill-fondi tar-Reġjun Lvant.

54.3.2 Is-Sindku wara tkellem dwar l-bżonn ta' xiri ta' fanali ġodda fi Triq Preziosi u Triq Merino. Kif ġie diskuss fl-aħħar seduta ser jiġu ordnati għaxar (10) fanali dekorattivi ġodda għal Triq Preziosi u Triq Merino. Is-Sindku qal kif il-kuntrattur irid jidentifika kif ser jaħdem għax hemm xi erba lampi qegħdin mal-arbli tad-dawl. Wieħed minnhom ta fejn kien joqgħod Mons Xuereb ser jinżamm il-Kunsill biex meta jitlesta x-xogħol fuq il-faċċata ta l-istess propjeta jitwaħħal. Hemm bżonn ukoll ta' fanal ieħor fi Triq Enejja. B'Kollox jiġifieri għaaxar (10) u filkas il-kunsill jara x'jonqos eżatt wara.

54.3.3 Is-Sur Dalli tkellem fuq il-vann tal-anzjani li parti minnu ser jinxtara minn fondi akkwistati minn LESA. Il-vann 7-seater li xtara l-kunsill sa fl-aħħar wasal u l-operat tiegħu kemm jista jkun jrid jibda bejn wieħed u ieħor fi Ġunju. Is-Sindku informa lil Kunsilliera biex jekk jafu b'xi anzjan li għadu fit biex isuq u li jista jagħti daqqa t'id volontarjament

bħala xufier, għandhom jinfurmaw lis-Segretarju Eżekuttiv. Fil-jiem li ġejjin dan il-vann ser ikun qed jiġi nawgurat u mbierek u anke qed jiġu ordnati xi stickers bil-logos għal fuqu kif titlob l-iskema.

54.3.4 Is-Sur Dalli tkellem fuq il-programm mniedi mill-Gvern tat-30 sena ta' Kunsilli Lokali. Skond il-programm tad-dipartiment tal-Kunsilli Lokali hemm il-commitment li ssir open day f'kull Kunsill Lokali. Għal dan il-għan is-Sindku ssuġġerrixxa li jiġu ppreparati ftit ritratti ta' xogħlijiet li saru fl-aħħar 4 snin u fuq l-istorja ta' Ħal Lija.

54.3.5 Is-Sindku qal li huwa ser ikun qed jipprova jaħdem biex titella attività/ħarġa għal Jum il-Missier.

## 54.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

54.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

## 54.5 Korrispondenza

54.5.1 Il-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia għamlet rimarka dwar korrispondenza numru 0193 bl-isem 'Ismijiet ġodda tat-toroq'. Is-Sindku nfurmaha kif l-ismijiet tat-toroq ġodda li applika riċenti għalihom l-kunsill ġew approvati però l-kunsill għadu qed jistenna li jinħareġ l-avviż uffiċjali ta' dawn l-ismijiet fil-gazzetta tal-gvern. Appena jinħareġ l-avviż uffiċjali l-kunsill ser minnufih jixtri u jweħħel il-plakek.

54.5.2 Is-Sur Zahra xtaq ikun jaf dwar xiex titratta korrispondenza numru 0196. Is-Sindku nfurmah kif dik kienet korrispondenza biex jingħata container ieħor tal-ħamiem li tpoġġa fuq l-każin ta' Sant Andrija u dan grazzi ta' l-għajnuna tas-Sur Fava.

54.5.3 Is-Sur Zahra staqsa dwar korrispondenza numru 0207. Is-Sindku wieġbu kif dik kienet korrispondenza biex jintbgħat xi ħadd mill-Gvern / Ministeru ħalli ssir spezzjoni fuq l-istruttura tal-Mitħna u biex il-Kunsill jara jekk din tistax tiġi rrestawratha b'xi mod biex ma titlifx l-preġu tagħha.

54.5.4 Il-Viċi Sindku Daniel Mallia ried ikun jaf x'inhuma korrispondenza numri 0213 u 0236 u jekk mhux relatati. Iż-żewġ korrispondenza jittrattaw dwar e-scooters. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegatlu kif korrispondenza numru 0213 hija lment dwar parkeġġ traskurat tal-e-scooter fi Triq il-Mitħna. Filwaqt li korrispondenza 0236 hija imejl mingħand ir-Reġjun Lvant dwar diskussjoni fuq l-e-scooter li tqajmet fl-istess Reġjun biex jinstab x'imkien fir-raħal parkeġġ (kaxxa bħal ta' karozza) għall-e-scooters. Is-Sindku ta spjegazzjoni aktar fid-dettal dwar korrispondenza numru 0236 bħala membru preżenti fir-Reġjun.

54.5.5 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet dwar korrispondenza numru 0243 bl-isem 'Villa Francia – 30 sena ta' Kunsilli Lokali'. Is-Sindku nfurmaha kif dik kienet imejl mingħand Villa Francia fejn infurmat lil kunsill li Villa FRancia ma tistax tintuża bħala venue għal Jum Ħal Lija, fl-ebda waħda mill-ġranet mgħottija mill-Kunsill.

## 54.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni Tar-Rapport Finanzjarju Finali għas-sena 2022

54.6.1 Dan ir-rapport kellu jiġi maqbuż għaliex l-accountant informa lis-Segretarju Eżekuttiv ftit tal-minuti qabel il-laqgħa li huwa għadt baqalu xi klarifikazzjonijiet x'jagħmel mal-awdituri dwar l-aġġustamenti proposti minnhom. Is-Segretarju Eżekuttiv qed tittama li dan ir-rapport jingħata malajr u tiġi konkluża l-komunikazzjoni bejn l-awdituri u l-accountant kemm jista jkun malajr għaliex iż-żmien qed jafas u d-Dipartiment u kif ukoll l-awdituri qed jistaqsu meta ser finalment jingħata dan ir-rapport biex jitkompla l-proċess u tkun tista toħroġ il-management letter.

## 54.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni Tar-Rapport ta' kull kwart għal perjodu Jannar – Marzu 2023

54.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill l-ewwel rapport ta' kull kwart għal perjodu minn Jannar sa Marzu 2023. Dan ir-rapport ġie ppreparat mill-accountant is-Sur Kevin Incorvaja u wkoll ingħata ħafna tard minkejja diversi twissijiet ta' kuljum li huwa ngħata mis-Segretarju Eżekuttiv.

54.7.2 Is-Sindku fil-qosor qara il-figuri tar-rapport kif ġej. Huwa qal li l-kunsill kellu dħul totali ta' €89,652, nefqa totali ta' €89,990 u dan irriżulta fi deficit żgħir ta' €338. Is-Sur Dalli kompla jispjega r-rapport billi ta *breakdown* aktar iddettaljata kemm tad-dħul u kif ukoll tan-nefqa li kellu l-kunsill tul dan il-perjodu. Il-*financial situation indicator* għal dan il-perjodu hija 86%. Bħala rapport u figuri dan huwa rapport wieħed tajjeb, però l-accountant għadu mhux qed idaħħal il-figuri sew fin-nominal tar-rapport ikkonċernati u ser jerġa jiġi avviċinat dwar dan.

54.7.3 Fuq bażi ta’ din l-ispjegazzjoni s-Sindku, il-Kunsilliera ma kellhomx mistoqsijiet.

54.7.4 Il-Kunsill approva dan ir-rapport unanimament fuq proposta tal-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia li kienet issekondatha mill-Kunsillier Calcedonio Cini.

## 54.8 Aġġornament – Sejħa ġdida ta’ impjieg għal Skrivan fuq bażi F/T

54.8.1 Is-Sinjorina Borg tat aġġornament lis-Sindku u lill-Kunsilliera dwar l-istadju ta’ proċess li wasal fih il-kunsill rigward is-sejħa ta’ impjieg miftuħa għal skrivan fuq bażi F/T.

54.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif skond il-proċedura, din is-sejħa nħarġet l-ewwel interna fil-Kunsill Lokali ta’ Ħal Lija fit-18 ta’ April 2023. Din is-sejħa nħarġet għal għaxar tijiem, però peress li nternament mill-kunsill lokali ta’ Ħal Lija ma kienx hemm xi skrivani li riedu japplikaw għal din il-kariga u skala, wara komunikazzjoni mad-Dipartiment, ingħatat l-approvazzjoni biex il-kunsill minnufih joħroġ din is-sejħa fil-Kunsilli Lokali u Reġjonali kollha.

54.8.3 Is-Sejħa nħarġet għalhekk umbgħad minnufih fid-19 ta’ April 2023, però din id-darba għal-għaxar tijiem fil-Kunsilli Lokali u Kunsilli Reġjonali kollha. F’dawn l-għaxar tijiem li damet din is-sejħa, ħadd ma wera nteress u applikazzjonijiet ma kienx hemm.

54.8.4 Għalhekk wara dan il-kunsill informa lid-Dipartiment u lil Jobsplus biex ikun jista jimxi għall-proċedura li jmiss u din is-sejħa tiġi ppubblikatha permezz ta’ Jobsplus għall-attenzjoni ta’ dawk kollha li qed jirreġistraw biex issibu impjieg fuq Part 1, 2 u 3C1. Jobsplus ippublikat is-sejħa u bgħatet lista ta’ kandidati propju fl-10 ta’ Mejju 2023. Is-Sinjorina Borg spjegat kif b’kollox fuq din il-lista hemm 13 il-kandidat imniżżel u sal-ġurnata tal-laqgħa applikaw tlieta u tlieta oħra bgħatu li mhux interessati. Il-Kandidati l-oħra li għadhom ma weġbux għandhom ċans biex jirreġistraw l-interess tagħhom sal-20 ta’ Mejju 2023.

54.8.5 Wara din l-ispjegazzjoni għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv talbet lis-Sindku u lil Kunsilliera kollha biex jilħqu jsibu data wara l-20 ta’ Mejju, ta’ meta jistgħu jsiru l-interviews lil kandidati, preferebbilment filgħodu.

54.8.6 Ġie deċiż b’mod unanimu biex l-interviews isiru fil-25 ta’ Mejju u l-ewwel wieħed ikun jibda fis-1:00pm. Il-Kunsilliera kollha mistiedna jkunu preżenti għal waqt l-interviews però s-Sindku għamilha ċara li jkun hemm minn jkun preżenti mill-Kunsilliera, l-interviews xorta waħda ser issiru kif pjanat.

## 54.9 Aġġornament tal-preparazzjonijiet għal Jum Ħal Lija 2023

54.9.1 Is-Sindku ta aġġornament dwar Jum Ħal Lija u tkellem dwar l-preparazzjonijiet li ħafna minnhom diġà ġew issuġġeriti u diskussjoni dwarhom tqajmet fis-seduta preċedenti.

54.9.2 Dwar l-attivita tal-lejla Sportiva,is-Sindku qal kif huwa ltaqgħa mas-Sur Samuel Cutajar, is-Segretarju tal-Lija Athletics biex jieħdu ħsieb l-organizzazzjoni ta’ din l-attivita huma. Is-Sur Cutajar aċċetta li din l-attivita jieħdu ħsieba l-Lija Athletics u ser jagħti lis-Sindku l-istima ta’ l-ispejjeż u l-feedback neċessarju. L-Għaqdiet sportivi l-oħra ser jipparteċipaw ukoll.

54.9.3 Dwar is-Serata Muziko Letterarja, s-Sur Dalli qal li huwa tkellem mas-Sinjura Claire Massa dwar l-istrumenti li ser jintużaw fis-serata u s-Sinjura Massa tat stima lil kunsill ta’ madwar 750 Eur plus il-VAT. Din l-istima tinkludi fiha l-prezz tal-arpa, 2 vjolenisti, 1 viola, 1 cello u 1 flute. L-istima fiha ma tinkludix l-prezz tal-kantant/a. Il-Kunsilliera qablu u ħadu nota ta’ din l-istima. Is-Sur Dalli kompla jgħid kif qed jagħmel kuntatt ukoll mas-Sur Louis Briffa biex jieħu ħsieb il-parti letterarja tas-serata.

54.9.4 Wara s-Sindku wera diżappunt għaliex l-Uffiċċju tal-Priministru ma aċċettax it-talba tal-Kunsill biex jintuża il-ġnien ta’ Villa Francia f’dik il-lejla minħabba impenji oħra. Is-Sindku qal kif huwa pprova jbiddel id-dati ghal 3,4,5 ta’ Lulju u xorta però Villa Francia ma aċċettatx. Għalhekk biex ma jintilifx żmien qed jiġi ssuġġeriet li l-bibita ssir fil-Ġnien Rikreattiv.

54.9.5 Is-Sur Dalli qal kif ukoll il-kunsill lanqas m’għandu risposta mingħand il-Ministeru ta’ l-Inklużjoni biex jintuża il-ġnien tal-Ministeru, jekk tibqa ma tingħatax risposta jew ir-risposta tkun fin-negattiv, ser jinstab post ieħor għal din l-okkażżjoni.

54.9.6 Is-Sindku qed jissuġġerixxi li għanda titwaħħal plakka f'xi post prominenti fil-lokalita biex jitfakru it-30 sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali fejn jissemmew ukoll il-membri tal-Kunsill kurrenti.

54.9.7 Il-Kunsilliera qablu mal-punti mqajma mis-Sindku dwar Jum Ħal Lija.

## 54.10 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

54.10.1.1 <u>Aġġornament dwar l-Appell fuq it-tender li nħareġ għall-manutezzjoni u tindif tal-latrini pubbliċi</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv aġġornat lil Kunsilliera dwar id-deċiżjoni tal-appell fuq it-tender tal-latrini li nstema fl-4 ta' April 2023 fid-9:00am. Il-Bord tal-kuntratti ddeċieda favur l-appellant u l-Kunsill ġie ordnat biex jerġa jevalwa l-offerti kollha mill-ġdid bi evalwaturi ġodda. Allura nħatru evalwaturi ġodda li fosthom hemm: Romina Periċi Ferrante, Chris Falzon u Dr. Errol Cutajar. Il-Kunsilliera unanimament approvaw lil dawn l-evalwaturi biex tkun mill-ġdid tista terġa tibda l-evalwazzjoni.

54.10.2.1 <u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni biex jinħatar id-Deputat Segretarju Eżekuttiv fl-assenza tas-Segretarju Eżekuttiv</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tas-Sindku u l-kunsilliera żewġ dokumenti, kif mitlub mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, biex ikun jista jaġixxi d-Deputat Segretarju Eżekuttiv fl-assenza tagħha, għal ċertu perjodu, hekk kif qed toqrob id-data taż-żwieġ tagħha. Is-Sinjorina Borg talbet biex id-deputat jinħatar biex jaġixxi mit-12 ta' Ġunju sas-26 ta' Ġunju 2023.

54.10.2.2 Il-Kunsill awgura xewqat sbieħ lis-Sinjorina Borg u approva b'mod unanimu fuq proposta tal-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia li kienet issekondatha mill-Kunsillier Calcedonio Cini, biex jaġixxi d-deputat Segretarju Eżekuttiv għaż-żmien stipulat.

54.10.3.1 <u>Vann 7-seater - Approvazzjoni tal-koperta tal-insurance u number plate ppersonalizzat</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħat ressqet fuq il-mejda tal-kunsill kopja tal-koperta tal-insurance li saret biex tkopri l-vann il-ġdid electric u 7 seater tal-kunsill. Naturalment il-kunsill ġabar tlett kwotazzjonijiet kif titlob il-liġi u l-irħas waħda kienet dik ta' Gasan Mamo bil-prezz ta' 2,506.08 EUR. Din l-insurance tkopri lil vann full u lil kull min jkun fuqu (driver u passiġġieri nklużi) u fiha wkoll ir-road assistance.

54.10.3.2 Is-Sinjorina Borg kompliet tgħid kif il-vann ġie rreġistrat ukoll ma' TM bi number plate ppersonalizzat, dak ta' KLL-001, kif kien maqbul li jsir b'permezz ta' imejl elettronika li intbgħatet lil kunsilliera kollha.

54.10.3.3 Il-Kunsilliera qablu mal-punti tas-Sinjorina Borg b'mod unanimu fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mis-Sindku Anthony Dalli.

54.10.4.1 <u>Talba ta' għajnuna – Lija FC</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-kunsill, imejl mill-klabb tal-futbol. Din l-imejl tgħid kif il-klabb tal-futbol kellu l-opportunita li jixtri ftit turf second hand li għadu fi stat tajjeb biex jitpoġġa fil-pitch tal-iskola primarja ħalli jkun jista jiġi utilizzat minn nursery. L-ispiza ta' dan it-turf ammontat għal madwar 4,000 EUR u l-klabb qed jistaqsi lil kunsill jekk jistax ikun ta' għajnuna fl-ispejjeż, kif għenet l-iskola u għen ukoll il-kunsill tal-Iklin. Iż-żewġ entitajiet taw is-somma ta' 800 EUR.

54.10.4.2 Wara diskussjoni żgħira li saret ġie deċiż li l-kunsill jgħin bl-ammont ta' 500 EUR, biss jridu bħas-soltu jingħataw id-dokumenti kollha meħtieġa, bħal kwotazzjonijiet, invoices, u irċevuti tal-VAT. Il-Klabb tal-futbol ser jiġi nfurmat b'din id-deċiżjoni. Din l-ispiża ser titieħed mill-fondi tar-Reġjun Lvant allokati.

54.10.5.1 <u>Talba ta' użu ta' fondi mir-Reġjun Lvant- Proġetti ta' titjieb fil-lokalita</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kif ser titressaq talba bil-miktub lir-Reġjun Lvant biex mill-fondi li l-kunsill għandu allokat biex jitwettqu proġetti ta' titjieb fil-lokalita, jinxtraw 10 fanali fi Triq Preziosi u Triq Merino u 4 fanali oħra fi Vjal it-Trasfigurazzjoni. Din il-materja diġà ġiet diskuss fid-dettal fil-komunikazzjoni tas-Sindku.
Il-Kunsill unanimament approva li l-ispejjeż ta' dawn il-fanali jittieħdu mill-fond tar-Reġjun Lvant – Proġetti ta' titjieb fil-Lokalita.

54.10.6.1 **Talba ta' użu ta' fondi mir-Reġjun Lvant- Proġetti Kulturali, Sports, Mużika, Jum il-Lokal u Baned**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kif ser titressaq talba bil-miktub lir-Reġjun Lvant biex mill-fondi li l-kunsill għandu allokat għal proġetti Kulturali, Sports, Mużika, Jum il-Lokal u Baned, tingħata s-somma ta' 500 EUR lill-Kappella tal-Mirakli.

54.10.6.2 Il-Kunsill unanimament approva li din is-somma għandha tittieħed mill-fond tar-Reġjun Lvant – għal proġetti Kulturali, Sports, Mużika, Jum il-Lokal u Baned.

54.10.7.1 **Talba biex tingħalaq l-art ta' ma' ġenb tat-tennis li tinstab vojta**

IS-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba mingħand xi ħadd li qed jitlob biex tingħalaq dik il-biċċa art vojta ma' ġenb it-Tennis Court, fejn oriġinarjament kien hemm pjan biex issir il-binja tal-kunsill u dan għaliex qed jitħallew il-klieb fih jiġru u jħammġu.

54.10.7.2 Qamet daqsxejn ta' diskussjoni dwar din it-talba għaliex f'għajnejn ċertu membri tal-kunsill mhu qed isir xejn ta' barra minn hawn għaliex qed jitħallew l-klieb fiha jiġru, aħjar milli dawn iħammġu barra. Is-Sindku hawnhekk qal li hemm minn anke talab biex filfatt dik il-biċċa tiġi dog park.

54.10.7.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ma taqbilx li għandu jsir dog park u fl-opinjoni tagħha m'għandhomx jitħallew klieb jiġru hemm u jħamġu fil-ħamrija għaliex jaf ikun ta' nkonvejnet għan-nies li joqgħodu f'dak l-inħawai minħabba l-irwejjaħ u n-nemus. Is-sinjorina Farrugia qalet li aħjar dik l-art tintuża bħala community Garden għax din l-inizjattivita baqgħet ma saritx. Is-Sindku tenna kif il-pjan oriġinali kien li l-community Garden isir fi Triq Robert Mifsud Bonnici fejn il-grawnd u l-kunsill kien applika għal community Garden mal-AKL. Is-Sinjorina Farrugia qalet li ma tafx kemm ser jiġi aċċetat community Garden hemm bħala post. Għalhekk ser terġa tintbgħat imejl lil AKL dwar il-community gardens biex il-kunsill jara x'ġara minn dan il-proġett li kien applika għalih. Ser jiġi anke mistoqsi jekk il-kunsill jistax jiltaqgħa ma xi ħadd biex jingħata parir ta' fejn l-aħjar isir il-community Garden u jekk fejn il-grawnd mhux ideali.

54.10.7.4 Dwar it-talba biex tingħalaq il-biċċa art vojta fejn it-tennies court, din alissa ser tinżamm on hold.

54.10.8.1 **Talba minn Greenpak għall-installazzjoni ta' crash barrier**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-kunsill talba mingħand Greenpak biex tiġi installatha crash barrier fi Triq Preziosi propju quddiem l-ibins, bl-iskop li forsi din tipreveni aċċident ieħor bħal dak li seħħ riċenti fejn vettura baqgħet dieħla għal gol-ibins.

54.10.8.2 Ġie deċiż li din it-talba tintbagħat għall-approvazzjoni ta' TM u l-kunsill ser jara TM x'taħseb dwar din l-implimentazzjoni.

54.10.9.1 **Talba għall-kumpens ta' ħsarat li saru fuq vettura fi Triq Salvu Mifsud**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-kunsill talba mingħand residenti, bi rapport tal-pulizija u stima biex tingħata kumpens tal-ħsarat li hija ġarbet fuq il-vetura tagħha tat-tip BMW fi toqba li kien hemm fi Triq Salvu Mifsud. Din ir-residenti qed titlob li tiġi kkumpensata l-prezz ta' 127.64 EUR.

54.10.9.2 Ġie deċiż li l-kunsill jikkumpensa lil din ir-residenta nofs il-prezz tad-danni, peress li l-kunsill ma jafx x'kundizzjoni diġà kellu t-tyre tal-karozza tagħha u jaf ma kienx ġdid.

## 54.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

54.11.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 05/23 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €102.29 għax-xahar ta' April.

54.11.2 Sakemm is-Sindku u l-Kunsilliera kienu qed jaraw l-iskeda, is-Segretarju Eżekuttiv għamlet rimarka dwar pagament numru 13 li kien itella fl-iskeda numru 04/23 fil-aħħar seduta datata 12 t'April 2023 rigward il- ġbir tal-iskart imħallat u organiku u kif ukoll għall-ispejjeż tat-tipping fees għax-xahar ta' Frar 2023. L-ammont għal dan ix-xahar ġie rrevedut mir-Reġjun Lvant u minn €3,459.54, l-ammont fuq l-invoice riveduta issa ġie jaqra €3,208.69. Is-

Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk il-kunsill mhux kuntent bir-riviżjoni ta’ dan l-ammont biex jekk filkas jinbiddel l-ammont minn fuq l-iskeda nru 04/23 biex jaqra l-ammont it-tajjeb u finalment jiġi mgħoddi l-pagament lir-Reġjun. Il-Kunsill kollu unanimament aċċetta r-riviżjoni tal-ammont u kien hemm qbil biex il-pagament jiġi mgħoddi lir-Reġjun.

54.11.3 L-iskeda ta’ ħlasijiet imressqa (numru 05/23) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kunsillier Joseph Zahra. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta’ Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-sindku u s-sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 54.12 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

54.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kif b’kollox sad-data tas-seduta, ma kienx hemm applikazzjonijiet alarmanti ġodda, dan skond l-informazzjoni li dejjem tagħmel u li tibgħat it-townplanner tal-kunsill. Dawn l-applikazzjonijiet dejjem anke tintbgħat kopja tagħhom għall-attenzjoni tal-kunsilliera kollha, biex kemm il-darba jagħti każ li jkunu jixtiequ joġġezzjonaw fuq xi applikazzjoni, jkunu jistgħu jitolbu biex isir dan.

## 54.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

54.13.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lil Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

54.13.2 Is-Sindku qal li jinsab diżappuntant bis-servizz tal-moniteraġġ li suppost huwa mqabbad biex jagħmel il-contracts manager madwar ir-raħal kollu biex jiġi aċċertat li r-raħal huwa nadif. Huwa kompla billi qal li l-contracts manager żgur mhux qed jagħmel xogħlu sewwa għaliex li kieku dan minnu l-kunsill ma jirċievix ċertu imejls b’ċertu ritratti ta’ telqa fir-raħal. Huwa tkellem fuq l-akwata ta’ fejn il-grawnd tal-futbol, fejn stqarr li l-amministrazzjoni xebgħat tirrapporta li qed ikun hemm ħafna ħmieġ u biex il-contracts manager imur jagħmel spezzjoni u jiġri wara l-kuntrattur biex inaddaf. Għalhekk ġie deċiż li ser tintbagħat ittra lil Contracts manager iffirmartha mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv biex dan jirregola ruħu u jagħmel xogħlu kif suppost billi jdur madwar ir-raħal u jara li l-kuntratturi mhux qed jonqsu mix-xogħol u s-servizzi tagħhom.

54.13.3 Is-Sinjorina Farrugia staqsiet fiex waslu l-implimentazzjonijiet tal-bus shelters mal-AKL. Kemm is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv infurmawha kif skond l-aħħar aġġornament li kellhom mingħand l-AKL alissa dan il-proċess jinstab wieqaf. Ser tintbagħat imejl oħra lil AKL dwar dan.

54.13.4 Is-Sur Dalli qal li fejn il-knisja tal-Mirakli hemm bus stop u dejjem qed ikun hemm il-karozzi pparkjati fuqu. Huwa talba lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinforma lil pulizija b’dan ħalli jieħdu azzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb li jsir dan.

54.13.5 Is-Sur Ċini staqsa lis-Sindku jekk kellux update mingħand il-public transport dwar ir-rapport li huwa stess għamel fuq ir-rotot ta’ tal-linji li mhux jidħlu fejn it-torri. Is-Sindku qal li għadt m’għandux risposta għaliex min kelmu qallu li r-rapport jieħu 2 to 3 days biex jiġi solvut. Pero s-Sindku qal li huwa jaħseb li din il-problema m’għadhix għaliex ra xi rotot ta’ tal-linja għaddejjin minn fejn it-Torri u ser jindaga aktar dwar dan.

54.13.6 Il-Ħin kien 6:21pm x’ħin ntemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 13 ta’ Ġunju 2023 u kien hemm qbil b’mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-11:30am mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali jew anke onlajn għal min ma jistax ikun mill-uffiċċju f’dak il-ħin minħabba l-impenji tax-xogħol.

Konfermati, illum it-Tlieta 13 ta’ Ġunju 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |